MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 862/2006/1

**Antoine Vassallo**

**vs**

**Paul Portelli**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta’ Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,267.84c) rapprezentanti kreditu rizultanti minn skrittura privata ffirmata bejn il-

partijiet datata 3 ta` Mejju, 2005 annessa ma` l-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici jigu kkontestati billi qabel xejn l-attur ghandu jesebixxi l-kambjali originali msemmija fl-iskrittura. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante illi huwa gja` mhallas. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub m'huwiex reali. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda ta` Antoine Vassallo, Mariolina Schembri u ta` Paul Portelli.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Patrick Valentino ghall-attur u ta` Dr Joe Zammit ghall-konvenut.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi illi fit-22 ta` Mejju, 1997 il-konvenut xtara karozza Fiat minghand l-attur versu l-prezz ta` elfejn u seba` mitt lira Maltin (Lm2,700) li minnhom seba` mitt lira Maltin (Lm700) thallsu mal-konsenja u l-bilanc ta` elfejn lira Maltin (Lm2,000) kellhom jithallsu permezz ta` sittin (60) rata mensili ta` erbgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm44.63c) liema rati kienu jikkomprendu fihom l-interessi gja` mahduma u kienu wkoll garantiti permezz ta` sittin (60) kambjala.

Illi fl-14 t`April, 1997 il-konvenut xtara Volkswagen minghand l-attur versu l-prezz ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) li minnhom hames mitt lira Maltin (Lm500) thallsu mal-konsenja u l-bilanc ta` elf lira Maltin (Lm1,000) kellu jithallas permezz ta` tmienja w erbghin (48) rata mensili ta` sebgha u

ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm27.87c) li jikkomprendu fihom l-interessi gja` mahduma u kienu wkoll garantiti permezz ta` tmienja w erbghin (48) kambjala.

Jirrizulta mill-provi illi l-konvenut ghamel pagamenti pero` ma kienx konsistenti fil-hlas u fil-fatt saru zewg kawzi ohra qabel ma giet inizjata l-prezenti kawza.

Permezz ta` sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut tat-23 ta` Novembru, 2001 Avviz 1272/01, il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta` erba` mija u sebgha u hamsin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm457.41c) rapprezentanti l-import ta` hdax-il (11) kambjala accettati u li mmaturaw. Kopji ta` dawn il-kambjali jinsabu esebiti fil-process a fol 59 sa 63 u meta tghoddhom jigu ezatt l-ammont imsemmi fl-Avviz. Illi ghalhekk it-Tribunal iqis li gie sodisfacentement ipprovat illi l-kambjali esebiti a fol 59 sa 63 huma l-mertu ta` l-imsemmija kawza.

Illi inoltre, permezz ta` sentenza ohra tat-23 ta` Settembru, 2002 il-konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta` tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm858.89c) rapprezentanti import ta` erbgha u ghoxrin (24) kambjala ohra. Gew esebiti kopji ta` kambjali li nghad li huma mehuda mill-atti tal-kawza deciza fit-23 ta` Settembru, 2002 izda t-Tribunal mhux konvint dwarhom billi whud minnhom huma mbaghbsin u meta t-Tribunal ghamel paragun ta` whud minn dawn il-kopji mal-kambjali originali li incidentalment gew esebiti minn Mariolina Schembri, dawn ma kienux jaqblu.

Fir-rigward tas-sentenza tat-23 ta` Novembru, 2001 sar Mandat ta` Qbid numru 268/02 u rigward dan il-Mandat jirrizulta illi l-konvenut hallas lill-marixxal tlett mitt lira Maltin (Lm300) fl-20 ta` Frar,

2002 mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) pero` m'hemmx id-dati taghhom u erbghin lira Maltin (Lm40) fid-29 t`April, 2002.

Fir-rigward tal-kawza Avviz 1315/02 sar Mandat ta` Qbid numru 76/03 u f'dan ir-rigward jirrizulta illi fil-11 ta` Frar, 2003 sar pagament ta` mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm155) u inoltre, pagament iehor ta` mitt lira Maltin (Lm100) u pagament iehor ta` tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360).

Jirrizulta wkoll illi fl-20 ta` Mejju, 2004 il-konvenut biegh il-karozza Volkswagen lil certu John Vassallo u dakinhar il-partijiet iffirmaw skrittura li minnha jidher li kien hemm bilanc dovut fuq din il-vettura ta` tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm861.29c) li minnhom hames mitt lira Maltin (Lm500) thallsu minn Vassallo u l-bilanc kellu jithallas mill-konvenut permezz ta` kumpressur u flus kontanti.

F'din il-kawza gew esebiti diversi kambjalijiet, uhud fil-forma originali u ohrajn kopji izda l-unika ricevuti li gew prodotti kienu dawk annessi mal-Mandati ta` Qbid fuq imsemmi.

Bazikament il-konvenut qieghed isostni illi huwa m'ghandu jhallas xejn ghaliex l-iskrittura privata li abbazi taghha qeghda ssir din il-kawza tirrigwarda ammonti li attwalment, kieku wiehed kellu jahdem il-konteggi kif suppost, l-ammont ma kienx ikun dovut in the first place.

Minn ezami ta` l-iskrittura esebita jirrizulta illi din l-iskrittura qeghda ssir fir-rigward tal-vettura Fiat T5273, cjoe` l-vettura li giet mixtrija fit-22 ta` Mejju, 1997 u l-ewwel bilanc jirrigwarda l-bilanc dovut fuq il-kawza fuq imsemmija deciza fit-23 ta` Novembru, 2001 li tirrigwarda hdax-il (11) kambjala, izda effettivament meta wiehed

jezamina l-kambjali esebiti, disgha (9) minnhom biss jirrigwardaw il-karozza Fiat, fir-rigward ta` l-ahhar tnejn jirrigwardaw il-karozza Volkwagen. Illi inoltre, hemm item f'dan id-dokument li jsemmi bilanc fuq erbgha u ghoxrin (24) kambjala li kompriz l-interessi jgib l-ammont ta` elf, hames mija u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,538.43c). Presumibbilment il-kambjali li saret referenza ghalihom kienu l-ghoxrin (20) kambjala li gew esebiti minn Mariolina Schembri bhala Dok. MS6 a fol 31 tal-process u li jissemmew fl-Ittra Ufficjali li giet intavolata mill-attur qabel ma gew ipprezentati l-proceduri odjerni, cjoe` l-Ittra li tinsab a fol 35 tal-process bid-data tas-16 ta` Novembru, 2005 u tlieta ohra li nghataw lill-konvenut dakinhar stess. Il-kambjala l-ohra ma nafux x'sar minnha.

Effettivament it-Tribunal ezamina dawn il-kambjali u rrizulta li l-kambjali li mmaturaw fis-26 ta` Mejju, 2001, fis-26 t`April, 2001 u fis-26 t`Awissu, 2000 huma kambjali li attwalment hemm kopja taghhom fl-atti tal-kawza 1272/01 tat-23 ta` Novembru, 2001 (fol 59 sa 63).

Finalment it-Tribunal jixtieq jikkummenta illi huwa pprova jaghmel ezercizzju biex jara jekk huwiex minnu li l-konvenut hallas aktar milli suppost izda dan l-ezercizzju ma setax isir semplicement minhabba l-fatt li l-konvenut ma gabx provi sodisfacenti tal-pagamenti. Wiehed jista` jifhem illi jkun hemm cirkostanzi fejn persuna jsibha difficli biex igib prova ta` pagament ghaliex ikun f'cirkostanzi illi tali prova dokumentarja tkun impossibbli li tigi prodotta, bhal meta per ezempju wiehed jissellef mill-idejn u la jkun hemm skrittura ta` self u lanqas ma jkun hemm ricevuti ta` hlas izda f'dan il-kaz il-konvenut jghid illi huwa kien jaghmel il-pagamenti lill-bank u certament il-bank kien jirrilaxxa payment slip u inoltre, kif xehdet Mariolina Schembri, meta l-konvenut ghamel pagament lis-Sur Vassallo, hija dejjem kienet

tohrog ricevuta u ghalhekk fid-dawl tal-premess kien mistenni illi jekk il-konvenut ried lil dan it-Tribunal jaghmel ezercizzju revizorju serju, kellu dejjem jipprezenta tali ricevuti jew minimament prospett dettaljat tal-pagamenti li jidhirlu li ghamel – haga li m'ghamilx minkejja li gie debitament invitat biex jaghmel hekk.

Il-konvenut veru esebixxa erbghin (40) kambjala originali izda l-prezentata ta` dawn il-kambjali semplicement ifisser li dawn gew ritornati u m'hemmx indikazzjoni ta` l-ammont u data tal-hlas maghmul minnu. L-unika ricevuti esebiti huma dawk maghmula mill-Marixxal u li jinsabu konservati l-Qorti.

Wara li l-konvenut xtara l-imsemija zewg vetturi huwa kellu jaghti bilanc kapitali ta` tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Meta biegh il-Volkswagen, il-hames mitt lira Maltin (Lm500) gew assunti mill-akkwirent. Il-konvenut hallas total ta` elf, mija u disghin lira Maltin (Lm1,190) lill-Marixxal u mitejn u sebgha u sittin lira Maltin (Lm267) dakinhar ta` l-iskrittura tat-3 ta` Mejju, 2005. Inoltre konsenja ghodda ta` valur ta` cirka tlett mitt lira Maltin (Lm300) - total ta` elfejn, mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm2,257). Minn dan l-ezercizzju semplici wkoll jidher li hemm bilanc dovut – u ghadna ma bdejniex insemmu l-interessi (li meta gew iffirmati l-kambjalijiet gew komputati ghal xi elf lira Maltin (Lm1,000) u interessi ulterjuri tat-3 ta` Mejju, 2005 igibu zgur hames mitt lira Maltin (Lm500) ohra u l-ispejjez taz-zewg kawzi u zewg Mandati msemmija li ghal dan il-fini t-Tribunal jikkalkula li kienu jammontaw ghal madwar mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

| | |
|---|---|
| Bilanc Kapitali | Lm3,000 |
| Interessi komputati fuq il-kambjalijiet | 1,500 |

| | | |
|---|---|---|
| Spejjez legali | 250 | **-** |
| | | **Lm4,750** |
| Pagamenti lill-marixxal | 1190 | |
| Assunti minn Vassallo | 500 | |
| Imhallsa fit-03/05/2005 | 267 | |
| Ghodda | 300 | **-** |
| | | **Lm2,257** |
| **Bilanc** | **Lm2,49 3** | |

Il-konvenut isostni li huwa hallas sebgha u tletin (37) kambjala izda hu pprezenta l-originali taghhom. M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenut ghamel xi pagament pero`, l-fatt li pprezenta l-kambjalijiet originali ma jfissirx li huwa hallas ammont ekwivalenti. Il-prova hija fl-ircevuta tal-hlas kif jinghad aktar 'il quddiem. Izda jekk ghall-grazzja ta` l-argument wiehed kellu jaccetta li l-konvenut ghamel dawn is-sebgha u tletin (37) pagament ta` erbgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm44.63c) dan igib hlas totali ta` elf, sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,651.31c) biex b'hekk jigi bilanc ta` tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm841.69c) – ammont li mhux boghod minn dak li ser jigi llikwidat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dan l-ezercizju sar mhux ghax jirrizulta provat li sar il-pagament ta` elf, sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,651.31c) izda semplicement sabiex jintwera li, anki jekk ghall-grazzja ta` l-argument wiehed kellu jaccetta bhala provata l-asserzjoni tal-konvenut, xorta jibqa` bilanc sostanzjali dovut.

Ikkunsidra ulterjorment

Minn ezami tad-dokument a fol 2 tal-process, jidher, kif gja` nghad, illi l-ewwel partijiet tal-

konteggi jirrigwardaw il-kawza tal-2001 imsemmija, fejn bl-ispejjez b'kollox l-ammont dovut kien ta` hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm573.41c) izda, kif gja` nghad, meta sar il-Mandat relattiv, il-konvenut kien hallas hames mija u sebgha u sebghin lira Maltin (Lm577) u b'hekk kellu kreditu ta` tlett liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm3.59c) favurih il-konvenut. L-interessi relattivi gew riservati w aktarx gew komputati fl-ammont imsemmi iktar 'il quddiem fl-iskrittura. Il-kambjalijiet relattivi kienu disgha (9) kambjalijiet ta` erbgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm44.63c) li ghalqu fis-26 ta` Jannar 2000, fis-26 ta` Frar 2000, fis-26 t`Awissu 2000, fis-26 ta` Settembru 2000, fis-26 t`Ottubru 2000, fis-26 ta` Novembru 2000, fis-26 ta` Dicembru 2000, fis-26 t`April 2001 u fis-26 ta` Mejju 2001 u zewg kambjalijiet ta` sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm27.87c) li mmaturaw fil-15 t`April u fil-15 ta` Gunju, 2001. It-Tribunal jikkalkula li akkumulaw mill-inqas mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) interessi fuq dawn il-kambjalijiet sat-3 ta` Mejju, 2005.

Il-bilanc rimanenti jirrigwarda erbgha u ghoxrin (24) kambjala u ghalhekk il-konteggi ghandhom isiru fir-rigward ta` dawn l-erbgha u ghoxrin (24) kambjala. Kif gja` nghad, minn dawn l-erbgha u ghoxrin (24) kambjala, hemm tlieta (3) minnhom li zgur m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni billi kienu gja` jifformaw mertu ta` kawza ohra. Hemm sbatax (17) ohra originali li gew esebiti, tlieta (3) ohra gew ritornati lill-konvenut dakinhar ta` l-iskrittura u hemm kambjala wahda li m'hemmx spjegazzjoni ohra ghaliha u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux konfort tal-prova korraboratorja ta` dak li hemm indikat fil-ftehim u l-kalkoli ser isiru biss fir-rigward tas-sbatax-il (17) kambjala u t-tlett (3) kambjali li gew ritornati lill-konvenut.

Ghal din il-fini t-Tribunal hejja prospett tal-kambjali msemmija u minn dan il-prospett jirrizulta illi s-sorte ossija kapital tas-sbatax (17) il-kambjala jammonta ghal seba` mija u tmienja u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm758.71c) li bl-interessi rispettivi sa dakinhar li saret l-iskrittura u cjoe` fit-3 ta` Mejju, 2005 ammontanti ghal mitejn u tmintax-il lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm218.45c) jigi total ta` disa` mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm977.16c).

| Expire date | | Amount of BOE | Interests from due date till 03/05/2005 at 8% p.a. |
|---|---|---|---|
| 26/04/2000 | 03/05/2005 | 44.63 | 17.93 |
| 26/01/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 15.24 |
| 26/02/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 14.94 |
| 26/03/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 14.66 |
| 26/06/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 13.76 |
| 26/07/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 13.47 |
| 26/08/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 13.17 |
| 26/09/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 12.86 |
| 26/10/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 12.57 |
| 26/11/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 12.27 |
| 26/12/2001 | 03/05/2005 | 44.63 | 11.97 |
| 26/01/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 11.67 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 26/02/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 11.37 |
| 26/03/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 11.09 |
| 26/04/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 10.79 |
| 26/05/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 10.50 |
| 26/06/2002 | 03/05/2005 | 44.63 | 10.19 |
| | | 758.71 | 218.45 |

Ma` dan l-ammont, it-Tribunal ser izid il-valur ta` tlett (3) kambjali ohra ta` erbgha u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm44.63c)-il wahda u fuq kalkolu approssimattiv ta` l-interessi relattivi u dan stante li ma giex precizat liema huma t-tlett (3) kambjali attwali, t-Tribunal huwa tal-fehma li bejn wiehed u iehor l-imghax akkumulat fuq dawn it-tlett (3) kambjali ammonta ghal erbghin lira Maltin (Lm40) (cirka Lm218.45c divide by 17 and multiply by 3).

Illi ghalhekk fid-data ta` l-iskrittura kien hemm dovut dan l-ammont totali ta` elf, mitejn wiehed u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm1,271.05c) u cjoe` seba` mija u tmienja u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm758.71c) import ta` sbatax-il (17) kambjala, mitejn u tmintax-il lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm218.45c) interessi fuqhom, mija u tlieta u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm133.89c) import tat-tlett (3) kambjali u erbghin lira Maltin (Lm40) interessi fuqhom u mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) interessi fuq il-kambjalijiet indikati fl-ewwel kawza msemmija.

Jirrizulta li l-konvenut hallas mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm222) u inoltre, ghandu jkun hemm riduzzjoni ta` hamsa w erbghin lira Maltin

(Lm45) kif hemm indikat fuq l-istess skrittura biex b’hekk jigi bilanc ta` elf u erba` liri Maltin u hames centezmi (Lm1,004.05c). Minn dan l-ammont wiehed ghandu jnaqqas l-ammont ta` tlett liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm3.59c) li huwa l-imsemmi bilanc ta` kreditu favur il-konvenut. B’hekk jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur bilanc li qed jigi arrotondit ghal elf lira Maltin (Lm1,000) bl-interessi mit-3 ta` Mejju, 2005.

Wara li sar dan il-ftehim jirrizulta pprovat li l-konvenut m’ghamel l-ebda pagament iehor u ghalhekk dan hu l-ammont li ghandu jigi llikwidat li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur.

Illi ghar-rigward tal-kap ta` l-ispejjez, minkejja li l-ammont likwidat huwa inqas mill-ammont mitlub, il-komplessita` tal-kawza nholqot minhabba li l-konvenut fl-ewwel lok ma zammx mal-pagamenti originalment pattwiti meta akkwista l-imsemmija zewg karozzi u inoltre ma zammx record xieraq tal-hlasijiet minnu maghmula. Inoltre jidher li ffirma l-iskrittura tat-3 ta` Mejju, 2005 bl-addocc minghajr ma qaghad attent u halla ghal dan it-Tribunal sabiex jaghmel ezercizzju estensiv sabiex tinstab soluzzjoni xierqa u gusta. Ezercizzju li ta hafna impenn lit-Tribunal li facilment seta` jigi evitat u konsegwentement dan ghandu jigi rifless fuq il-kap ta` l-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba ta` l-attur in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta` elf lira Maltin (Lm1000) flimkien ma` l-interessi mit-3 ta` Mejju, 2005. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal wiehed minn ghaxra (1/10) ghall-attur u disgha minn ghaxra (9/10) ghall-konvenut.”

Appellaw minn din is-sentenza z-zewg kontendenti. In via principali l-konvenut jilmenta b’ mod generali illi l-ammont

ta' l-iskrittura ma giex ippruvat u ma hemmx il-konfort ta' prova korroborattiva ta' dak stabbilit fil-ftehim. Fl-istess waqt jiccensura l-komputazzjoni maghmula mit-Tribunal, jirrepeti li hallas oltre dak mitlub, u jsostni li ma ghandux ibati ebda parti mill-ispejjez tal-kawza. Da parti tieghu, bl-appell incidentali, l-attur jissottometti illi t-Tribunal kellu jiskarta kull prova ohra u joqghod ghal kollox fuq il-kontenut ta' l-iskrittura tat-3 ta' Mejju 2005 in kwantu din identifikat u stabbilit b' ammont preciz id-debitu tal-konvenut fil-konfront tieghu;

Huwa fl-ordni logiku illi l-aggravju li jokkorri jigi investit l-ewwel huwa dak devolut bl-appell incidentali, anke ghaliex permezz tieghu l-attur qieghed jirrikorri ghar-regola *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur*;

Bl-iskrittura ta' ftehim tat-3 ta' Mejju 2005 (fol. 2), li fuqha hi msejsa l-azzjoni, il-konvenut accetta, taht il-firma tieghu, illi fuq il-kontrattazzjonijiet tax-xiri ta' vetturi minghand l-attur kien ghad baqalu jhallas is-somma ta' elf mitejn sebgha u sittin lira (Lm1267), li hu pprometta u obbliga ruhu li jiskonta bil-hlasijiet ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar. Huwa rikonoxxut mill-konvenut illi minn wara li ffirma din l-iskrittura ma hallas xejn (fol. 83). B' danakollu, hu mhux biss jikkontesta l-ammont bilancjali muri fl-iskrittura talli jghid li, se mai, huwa l-attur li ghandu jaghtih (fol. 81). Effettivament, il-linja difensjonali tieghu kostitwita mill-eccezzjonijiet hi arginata fuq il-kontenzjoni illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut (i) "stante illi huwa gja mhallas", (ii) "ma hux reali", u (iii) "hu esagerat";

Dan premess, huwa principju sew maghruf illi meta ftehim ikun gie inkorporat fi skrittura l-presunzjoni hija illi dak li riedu jiftehmu fuqu l-kontraenti gie imnizzel fiha, u, allura, skond regola tradizzjonali, ma humiex ammissibbli provi orali kontra l-miktub jew biex dawn ifssru dak li fih innifsu huwa diga car. Ara "**Spiridione Attard -vs- Neg. Joseph Mamo *et***", Appell Kummercjali, 26 ta' Mejju 1941. F' dan

is-sens hu l-argoment baziku ta' l-attur bl-appell incidentali tieghu, u dik tac-censura tieghu fil-konfront tat-Tribunal ghal fatt li dan, minflok li qaghad ghal kollox ma' l-iskrittura ta' ftehim, okkupa ruhu minn provi orali u dokumentali biex ittempra l-ammont indikat f' dak il-ftehim;

Anke jekk dan ma jinghadx espressament fis-sentenza appellata, huwa, fil-fehma tal-Qorti, sew distingwibbli illi t-Tribunal ma segwiex ghal kollox dik ir-regola akkampata mill-attur in kwantu kien konxju li tezisti wkoll gurisprudenza ben affermata illi dik l-istess regola ma tistax tittiehed f' sens assolut, u, anzi, ghandha f' certi kazi ssoffri eccezzjoni. Ad ezempju, "bhal fil-kaz fejn irid jigi pruvat (1) li kien hemm simulazzjoni; (2) li kien hemm il-vizzju tal-kunsens; (3) li kien hemm zball fl-iskrittura; jew (4) ghall-prova ta' patt incidentali jew accessorju li jkun inkonciljabbli ma' l-iskrittura; jew (5) bl-iskop ta' delucidazzjoni ta' xi punt oskur jew ambigwu". Ara "**Dolores armla ta' Vincenza Mifsud -vs- Carmelo Rizzo**", Appell Civili, 12 ta' Marzu, 1984, "**Rev. Kan. Emmanuele Muscat -vs- Lucy Portelli**", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Mejju 1955 u sentenzi kopjuzi f' dawn citati;

Minn dawn id-decizjonijiet jitnissel bi principju generali komuni illi r-regola ta' l-inammissibilita` tal-provi testimonjali kontra l-miktub tibqa' ssehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali. Ara "**Mary Gatt -vs- Onor. Edgar Cuschieri nomine**", Appell Civili, 6 ta' Mejju 1955. Aktar fundamentali minn hekk in kwantu jirrientra proprju fil-parametri ta' dak il-gudizzju li l-legislatur irrizerva lit-Tribunal adit bl-Artikolu 7 (1), Kapitolu 380, f' kazijiet bhal dawn jinsab affermat illi l-principji in kwantu bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi. Ara "**Carmelo Mercieca -vs- Gaetano Pace**", Appell Kummercjali, 15 ta' Dicembru, 1947. Jikkonsegwi illi la l-eccezzjoni ghar-regola hi norma ekwitativa, it-Tribunal ghamel sewwa li stharreg l-ezattezza tas-somma indikata fl-iskrittura. Konsegwentement, l-attur ma

ghandux ragun fid-dritt bl-ilment minnu sottomess bl-appell incidentali u l-istess qieghed allura jitqies infondat;

Naturalment, dan ma jfisserx illi l-konvenut appellanti ghandu raguni fid-deduzzjonijiet tieghu bl-appell principali. Il-kwestjoni bejn il-kontendenti tidher li essenzjalment kienet tiddependi mill-valur, u f' certu sens ukoll, anke mill-kredibilita`, li tinghata lix-xhieda u lill-provi dokumentali. Mill-kumpless tas-sentenza, u specjalment dak ta' l-ezercizzju minuzzjuz ta' komputazzjoni kondott mit-Tribunal, jirrizultaw sew l-elementi li fuqhom dak it-Tribunal fassal il-konvinciment tieghu u l-perkors segwit minnu, fil-valutazzjoni tal-provi, biex wasal ghal konkluzjoni proprja, kemm ghal dak li jirrigwarda s-sorte dovut u l-kap ta' l-ispejjez;

Il-Qorti mhix ser toqghod tintilef fil-partiti singoli fuq liema ssofferma l-appellanti, anke ghaliex, b' mod generali, hi l-ferma konvinzjoni taghha illi fil-kwadru ta' dik l-indagini organika maghmula mit-Tribunal, il-motivazzjoni tieghu ma tistax titqies illogika. Mhux accettat illi l-appellanti jirrikorri ghal certi senjalazzjonijiet parzjali bl-iskop li jikkontrapponi li l-ezercizzju tat-Tribunal jiddifetta fil-konsiderazzjonijiet maghmula u l-komputazzjoni li wasal ghaliha. Anzi jkollu jinghad li dawn l-istess konsiderazzjonijiet u komputazzjoni huma koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati u din il-Qorti ma tara xejn inkongruwenti fihom jew ksur tad-dritt ekwitattiv. Pjuttost il-kuntrarju hu l-kaz. It-Tribunal iddipartixxa mill-ammont iffissat fl-iskrittura ghax deherlu li kienet tezisti raguni soda biex hekk jaghmel fl-interess tal-konvenut. Minn naha l-ohra ma sabx illi kien hemm sostenn fl-allegazzjoni illi ma kienx hemm ammont dovut ghax dan kien gja thallas. Del resto, hu l-konvenut innifsu li jistqarr illi wara li ffirma l-iskrittura u qaghad jahseb, intebah “mhux daqshekk kelli naghtih”. Fuq daqshekk it-Tribunal tah ragun, imma, imbaghad, l-appellanti ma jistax jippretendi illi t-Tribunal kellu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet tieghu stess.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi kemm l-appell principali tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata. Kull parti thallas l-ispejjez ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------